**241. Il-Ministru tal-Finanzi l-Onor. George Bonello Du Puis jipproponi**:

Billi bis-subartikolu (1) tal-artikolu 2 tal-Att dwar Self għall-Iżvilupp (Cap. 229) il-Gvern hu awtorizzat li, bi, jew skont ftehim ma' Gvern ta' pajjiż ieħor jew ma' organizzazzjoni, fond jew istituzzjoni oħra internazzjonali jew barranija, jissellef somom ta' flus li b'kollox ma jkunux iżjed mill-ammont li jikkorrispondi għal ħamsa u għoxrin miljun Lira Maltija, jew dik is-somma ogħla li l-Kamra tad-Deputati tista' minn żmien għal żmien tistabbilixxi b'Riżoluzzjoni;

U billi fil-21 ta' Diċembru 1983 il-Kamra b'Riżoluzzjoni stabbiliet is-somma ta' ħamsa u sebgħin miljun Lira Maltija;

U billi dik is-somma ta' ħamsa u sebgħin miljun Lira Maltija dalwaqt ser tintlaħaq;

U billi huwa fl-interess tal-iżvilupp ekonomiku tal-pajjiż li l-vantaġġ ta' faċilitajiet ta' self mingħand Gvernijiet u istituzzjonijiet barranija jitkompla għal somma akbar minn ħamsa u sebgħin miljun Lira Maltija;

Għalhekk qed jiġi b'dan riżolut li s-somma li l-Gvern ta' Malta jista' jissellef skont l-imsemmi sub-artikolu (1) tal-artikolu 2 tal-imsemmi Att tkun ta' mija u għaxar miljuni Liri Maltin.

25.06.1990